MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 89/2003

**Carmelo Bonello**

***Versus***

**Raymond Borg**

F'din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab meta korra wara li tajritu karrozza misjuqa mill-konvenut. Din is-sentenza tallum hija dwar il-ħtija għall-inċident.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fid-29 t'April 2002, għal xi l-ħamsa ta' fil-għaxija (5.00 *p.m.*), il-konvenut, li kien qiegħed isuq vettura tal-marka *Dacia* bin-numru DBE-993, fi Triq il-Kappillan Mifsud, il-Ħamrun, laqat u tajjar lill-attur. L-attur ġarrab ġrieħi ta' natura gravi u issa jbati minn diżabilità parzjali permanenti.

Billi qiegħed igħid illi għall-inċident jaħti l-konvenut waħdu, iżda dan, għalkemm imsejjaħ biex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, baqa' ma għamel xejn, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti, wara li tgħid illi l-konvenut waħdu jaħti għall-inċident, u tillikwida d-danni li ġarrab l-attur, tikkundanna lill-konvenut iħallas

id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali ippreżentata flimkien maċ-ċitazzjoni għal dak li tgħid u trid l-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni [Kap. 104].

Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi mhux hu kien jaħti għall-inċident iżda l-attur, li qasam it-triq bla ma qabel ra li seta' jagħmel hekk bla perikolu, u hekk ħabat mal-vettura tal-konvenut, li kien qiegħed isuq kif trid il-liġi; għalhekk, il-konvenut ma għandux iħallas danni lill-attur.

L-inċident seħħ fi Triq il-Kappillan Mifsud, il-Ħamrun, fejn din tifforma s-sieq wieqfa ta' *T-junction* ma' Triq il-Kunċizzjoni. Triq il-Kunċizzjoni hija dik li tgħaddi mal-faċċata tal-Knisja tal-Kunċizzjoni, waqt illi Triq il-Kappillan Mifsud tħares dritt lejn il-faċċata tal-Knisja.

L-attur xehed illi kien għaddej minn Triq il-Kunċizzjoni ġej min-naħa ta' l-Isptar San Luqa sejjer lejn iċ-ċentru tal-Ħamrun; kien fuq in-naħa l-oħra tal-Knisja. Hekk kif ġie biex jaqsam Triq il-Kappillan Mifsud biex jibqa' għaddej minn Triq il-Kunċizzjoni lejn il-Ħamrun, lewa lejn il-lemin tiegħu u hekk daħal ftit metri fi Triq il-kappillan Mifsud qabel ma beda jaqsam. Meta ra li ma kienx ġej traffiku beda jaqsam. Qal ukoll illi meta kien qasam nofs it-triq reġa' ħares u, billi ma rax traffiku, baqa' għaddej jaqsam. Kien wasal ftit 'il bogħod mill-bankina tan-naħa l-oħra tat-triq meta ntlaqat mill-vettura tal-konvenut, li ma kienx raha qabel.

Il-konvenut xehed illi kien qiegħed isuq fi Triq il-Kunċizzjoni, ġej min-naħa ta' l-isptar, u ried jikser lejn il-lemin fi Triq il-Kappillan Mifsud biex imur lejn Santa Venera. Biex jagħmel hekk kellu jaqsam il-karreġġjata ta' Triq il-Kunċizzjoni li tieħu t-traffiku sejjer mill-Ħamrun lejn l-isptar. Qabel ma qasam ra li minn dik il-karreġġjata kienet ġejja karrozza oħra iżda deherlu li kellu ħin u spazju biżżejjed biex jilħaq jidħol fi Triq il-Kappillan Mifsud u għalhekk kompla bil-manuvra. Waqt li kien għadu jilwi, iżda, intebaħ illi l-vettura l-oħra kienet qiegħda tħaffef aktar milli ħaseb u kienet eqreb milli stenna; għalhekk, biex jilħaq jevitaha, kellu jħaffef fis-sewqan. Hekk kif daħal fi Triq il-Kappillan Mifsud, sab lill-attur quddiemu; ma laħaqx waqqaf, u tajru.

Fil-fehma tal-qorti, iż-żewġ partijiet għamlu żbalji li flimkien waslu biex seħħ l-inċident.

L-attur għażel l-agħar post biex jaqsam; mhux biss qasam qrib kantuniera ta' *T-junction*, fejn allura kellu jżomm għajnejh fl-istess ħin fuq tliet direzzjonijiet mnejn seta' jiġi traffiku, iżda wkoll tbiegħed mill-kantuniera b'mod li naqqas it-tul li seta' jara warajh fi Triq il-Kunċizzjoni, u t-tul li min, bħall-konvenut, kien ġej minn dik id-direzzjoni seta' jara lilu, u fl-istess ħin ma tbigħedx biżżejjed biex min jidħol fi Triq il-Kappillan Mifsud jarah minn bogħod biżżejjed biex ikun jista' jwaqqaf jekk, għax ikun ġej minn wara l-kantuniera, jarah għall-ewwel darba meta jkun ġà beda jaqsam it-triq.

L-għaqal kien jitlob illi jew l-attur jaqsam Triq il-Kunċizzjoni għan-naħa tal-Knisja mill-*pedestrian crossing* li għaddha minn ħdejha f'dik it-triq qabel ma wasal għat-*T-junction*, jaqsam il-wisa' ta' Triq il-Kappillan Mifsud fuq il-bankina quddiem il-Knisja, jerġa' jaqsam lura mill-*pedestrian crossing* l-oħra u jdur lura biex hekk isib ruħu fuq in-naħa l-oħra ta' Triq il-Kappillan Mifsud bla ma jkollu jaqsamha, jew inkella jinżel aktar 'l isfel fi Triq il-Kappillan Mifsud u jaqsam minn hemmhekk.

Il-konvenut, iżda, ukoll naqas. Għażel waqt ħażin biex jaqsam quddiem it-traffiku ġej mill-faċċata tiegħu biex jikser lejn il-lemin, għax ikkalkola ħażin il-bogħod jew il-veloċità ta' dak it-traffiku; biex jagħmel tajjeb għal dak l-iżball kellu jħaffef fis-sewqan u kellu l-attenzjoni tiegħu aktar fuq it-trafiku li ġej lejh milli fuq x'kien hemm quddiemu fit-triq mnejn kien sejjer igħaddi, tant illi lill-attur rah biss ftit qabel ma laqtu. Għalkemm, għar-raġuni msemmija fuq, l-attur kien qiegħed jaqsam minn post ħażin, li kieku l-konvenut kien qiegħed isuq bil-galbu kien jilħaq jarah, għax il-viżwali tiegħu lejn l-attur kienet titwal aktar ma l-attur joqrob lejn il-bankina l-oħra.

Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, iż-żewġ partijiet jaħtu għall-inċident, iżda l-ħtija tal-konvenut hija akbar għax, għalkemm l-attur ikkontribwixxa għall-inċident, xorta dan seta' jiġi evitat li kieku l-konvenut qagħad aktar attent fis-sewqan, attività li, min-natura tagħha, toħloq perikolu wkoll għal ħaddieħor.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-ewwel talba ta' l-attur billi tgħid illi l-konvenut għandu żewġ partijiet

minn tlieta (⅔) tal-ħtija, u għalhekk għandu jagħmel tajjeb għal żewġ partijiet minn tlieta (⅔) tad-danni li ġarrab l-attur.

Għall-għanijiet ta’ likwidazzjoni ta’ *lucrum cessans*, taħtar bħala espert mediku lill-Kirurgu Anthony Bernard sabiex, wara li jeżamina lill-attur u jikkonsulta wkoll id-*dossier* mediku tiegħu, igħid jekk l-attur ibatix minn debilità permanenti b’konsegwenza tal-ġrieħi li ġarrab u, f’dak il-każ, igħid x’inhu l-grad ta’ debilità permanenti.  L-espert għandu l-fakoltà illi jaħlef ir-rapport fir-reġistru, b’dan illi t-terminu biex issir talba għal periti addizzjonali jibda jgħaddi minn dakinhar ta’ l-ewwel seduta wara li jkun maħluf ir-rapport.

L-ispejjeż tal-perizja għalissa għandu jħallashom l-attur, li għandu jieħu ħsieb minnufih igħarraf lill-espert bil-ħatra tiegħu billi jinnotifikah b’kopja tas-sentenza.

Il-kawża hija differita għal nhar il-Ġimgħa 4 ta’ Frar 2005 fid-9.30 *a.m.* għall-eżami tar-rapport.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------